MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Numru 243/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**Vs**

Owen Barbara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Owen Barbara, akkuzat talli:

a) Nhar is-6 ta' Novembru 2003, wara nofs in-nhar gewwa San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn fond "Greystone Court" Triq il-Klarissi, San Giljan, liema serq huwa kwalifikat, bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira maltin, u li sar ghad-detriment ta' Christian Micallef;

b) fl-istess data, hin, u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu mixli b'serq, ricettazzjoni u li huwa recidiv. Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu fil-waqt li hu pacifiku li l-akkuza ta' serq u dik ta' ricettazzjoni huma in alternattiva ghal xulxin.

Ikkunsidrat dwar il-piena: wara li rat l-Artikolu 261(b)(c)(e), 264, 267, 269, 278, 279, 280, 49, 50 u 17 tal-Kap 9 tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin b'nomina ta' ufficjal tal-probation u bil-kundizzjoni specifika li mill-15 ta' Lulju, 2005 u darba kull xahar jassoggetta ruhu ghal test tal-urina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------